



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9367/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0161 (NLE)

ECOFIN 435
FIN 528
UEM 99

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall- Estonja
----------	--

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) mill-Estonja fit-18 ta’ Ġunju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fid-29 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021”)¹.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta’ kull Stat Membru tiġi aġġornata sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fid-9 ta’ Marzu 2023, l-Estonja ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu tar-REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f’konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 billi l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki tal-RRP ippreżentati mill-Estonja jikkonċernaw 22-il miżura.

¹ Ara d-dokumenti ST 12532/21 INIT u ST 12532/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (5) Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Estonja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda lill-Estonja biex tespandi l-investment pubbliku tagħha għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”), REPowerEU u fondi oħra tal-UE. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll it-tisħiħ tal-protezzjoni soċjali, inkluż bl-estensjoni tal-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad, b'mod partikolari għal dawk b'perjodi qosra ta' xogħol u f'forom mhux standard ta' xogħol. Huwa rrakkomanda wkoll li jitjiebu l-affordabbiltà u l-kwalità tal-kura fit-tul, b'mod partikolari billi jiġi żgurat l-finanzjament sostenibbli tagħha u tintegra s-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda lill-Estonja biex tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u tiddiversifika l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi, l-iżgurar ta' kapaċità suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet u t-tisħiħ tan-network domestiku tal-elettriku. Il-Kunsill irrakkomanda lill-Estonja biex iżżid l-effiċjenza enerġetika, inkluż tal-bini, biex tnaqqas il-konsum tal-enerġija. Barra minn hekk, il-Kunsill appella lill-Estonja biex tintensifika l-isforzi biex ittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistema tat-trasport, inkluż permezz tal-elettrifikazzjoni tan-network ferrovjarju u billi żżid l-inċentivi biex tinkoraġġixxi trasport sostenibbli u li jniġġes inqas, inkluż it-tiġdid tal-istokk tal-vetturi tat-triq. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, 2020 u l-2021 fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni tqis li nkiseb xi progress fir-rigward tar-rakkomandazzjoni biex tissaħħaħ il-protezzjoni soċjali. Inkiseb progress limitat fir-rigward tar-rakkomandazzjoni biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili.

- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Estonja jneħħi tliet miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. L-Estonja spjegat li, minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Estonja naqset minn EUR 969 299 213¹ għal EUR 863 271 631², ma għadux possibbli li jiġu ffinanzjati l-miżuri kollha tal-RRP Estonjan oriġinali. L-Estonja spjegat li jenħtieġ li ċerti miżuri jitneħħew minħabba t-tnaqqis fl-allokazzjoni u b'kont meħud taż-żidiet fl-ispejjeż u t-tfixkil fil-katina tal-provvista li jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Estonja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

² Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Estonja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (8) L-RRP modifikat ma għadux jinkludi ċerti miżuri fl-ambitu tal-komponent 5 (trasport sostenibbli) u tal-komponent 6 (kura tas-saħħa u protezzjoni soċjali). Dan jikkonċerna l-miżura 5.2 (investment: Kostruzzjoni ta' sezzjoni tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Rohuküla fid-direzzjoni tal-Punent), il-miżura 5.3 (investment: Kostruzzjoni tat-terminal konġunt multimodali ta' Rail Baltic f'Tallinn) u l-miżura 6.5 (investment: Bini tal-kapaċità għal ħelikopters mediċi bi skopijiet multipli). Il-miżura 5.2 tikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' sezzjoni tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Rohuküla fid-direzzjoni tal-Punent. Il-miżura 5.3 tikkonsisti fil-kostruzzjoni tat-terminal konġunt multimodali ta' Rail Baltic f'Talinn, parti minn proġett ta' infrastruttura ta' trasport ferrovjarju f'żona ġdida li huwa parti mill-Kuritur tal-Baħar tat-Tramuntana–Baltiku tan-Networks Trans-Ewropej tat-Transport (TEN-T). Il-miżura 6.5 tikkonsisti fix-xiri ta' żewġ ħelikopters mediċi multifunzjonali, inkluż tagħmir anċillari, provvisti ta' manutenzjoni u taħriġ inizjali għall-persunal meħtieġ biex jopera l-ħelikopters, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' bażijiet għall-inżul u siti ta' nżul f'ċentri mediċi ta' emerġenza. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri u tal-istadji importanti u l-miri assoċjati tagħhom jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (9) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Estonja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 19-il miżura.

- (10) L-Estonja spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba l-implikazzjonijiet tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Minħabba din tal-aħħar, ġie deċiż li jiżdied bunker (taħt l-art) mal-isptar li kien ippjanat li jinbena skont il-miżura 6.2 (investment: L-istabbiliment tal-Kampus Mediku tat-Tramuntana tal-Estonja). Din iż-żieda fil-kostruzzjoni tkompli żżid l-ispejjeż, minbarra dawk li jirriżultaw mill-inflazzjoni għolja u tfixkil tal-ktajjen tal-provvista, u ddewwem ix-xogħlijiet tal-kostruzzjonijiet lil hinn mill-2026. Dan jinvolvi wkoll it-tneħħija tal-Kampus Mediku tat-Tramuntana tal-Estonja. Dan jikkonċerna, rispettivament, l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 99 sa 105 tal-miżura 6.2 (investment: L-istabbiliment tal-Kampus Mediku tat-Tramuntana tal-Estonja). Barra minn hekk, l-Estonja spjegat li l-isem tal-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 94 tal-miżura 6.1 (riforma: Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja) fl-ambitu tal-komponent 6 (Kura tas-saħħa u protezzjoni soċjali) jeħtieġ li jiġi modifikat għax, bit-tneħħija tal-Kampus Mediku tat-Tramuntana tal-Estonja, m'għadux meħtieġ li tiġi modifikata l-leġislazzjoni rilevanti biex il-Kampus jiġi inkluż fil-lista tal-isptarijiet. Barra minn hekk, l-Estonja spjegat ukoll li mhux l-elementi kollha tal-istadju importanti b'numru sekwenzjali ta' 96 ta' din l-istess miżura 6.1 (riforma: Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja) taħt il-komponent 6 (Kura tas-saħħa u protezzjoni soċjali) jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien indikattiva. Id-dewmien huwa dovut għall-ħtieġa li tingħata prijorità lill-ħidma leġislattiva u l-ħruġ ta' gwida għall-infermiera li pprovdew appoġġ lir-refuġjati mill-Ukrajna u jikkonċerna biss l-istabbiliment ta' sistema ġdida ta' rimborż għall-infermiera.

L-emendi għas-sistema ta' rimborż għat-tobba u l-ispiżjara mhumieħ affettwati minn dan id-dewmien. Għalhekk, l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 96 inqasam f'żewġ stadji importanti u l-istabbiliment tas-sistema ta' rimborż għall-infermiera ġie pospost għat-tieni trimestru (Q2) tal-2024. Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li żewġ stadji importanti fil-miżura 6.1 jiġu emendati u li l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq mill-miżura 6.2 jitneħħew. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (11) L-Estonja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu bl-ispiża stmata fl-RRP oriġinali minħabba li l-inflazzjoni għolja u l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista żiedu l-istima tal-ispejjeż tal-miżuri b'mod konsiderevoli. L-inflazzjoni kienet għolja matul l-2022 u laħqet il-quċċata tagħha f'Awwissu 2022 bl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur jikber b'25,2 %, meta mqabbel ma' Awwissu 2021. L-inflazzjoni għolja kienet prinċipalment ikkawżata mill-prezzijiet tal-enerġija, li żdiedu b'mod partikolari minħabba l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Madankollu, prezzijiet oħra żdiedu b'rata mgħaġġla wkoll. Pereżempju, it-tkabbir fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni aċċellera b'mod sinifikanti fl-2021 prinċipalment minħabba interruzzjonijiet fil-provvista tal-materjali tal-bini, u ż-żieda fil-prezzijiet aċċellerat ulterjorment fl-ewwel trimestri tal-2022 minħabba nuqqas ta' materjali tal-bini u tal-forza tax-xogħol b'rabta mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Skont l-Estonja, dan għamilha impossibbli li jiġu akkwistati ċerti investimenti fuq skala kbira li ġew inklużi fl-RRP oriġinali bil-prezzijiet imbassra fl-2020.

Dan jikkonċerna l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 74 u 75 tal-miżura 4.5 (investment: Programm għat-tisħiħ tal-grilja elettriċa biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u biex ikun hemm adattament għat-tibdil fil-klima (bħall-protezzjoni kontra l-maltempati), l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 76 u 77 tal-miżura 4.6 (investment: Programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija fiż-żoni industrijali) u l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 78 u 79 tal-miżura 4.7 (investment: Programm Pilota dwar il-Ħżin tal-Enerġija) fl-ambitu tal-komponent 4 (Enerġija u effiċjenza fl-użu tal-enerġija). Abbażi ta' dan, minflok ma naqqset l-għanijiet tal-miri korrispondenti meta mqabbla mal-RRP oriġinali, l-Estonja żammet dawk il-miżuri fl-RRP billi kkumpensat iż-żieda fl-ispejjeż stmati tagħhom b'riżorsi li saru disponibbli bit-tneħħija ta' miżuri oħra skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri u l-istadji importanti u l-miri assoċjati tagħhom jibqgħu l-istess.

- (12) L-Estonja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb fl-iskeda ta' żmien u bl-ispejjeż stmati fl-RRP oriġinali minħabba li l-inflazzjoni għolja u l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista kkawżaw dewmien fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u żiedu l-ispejjeż tal-miżura b'mod konsiderevoli. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 91 tal-miżura 5.4 (investment: Kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port Antik ta' Tallinn) fl-ambitu tal-komponent 5 (Trasport sostenibbli). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiġi estiża u li r-riżorsi li saru disponibbli bit-tneħħija ta' miżuri oħrajn skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 jintużaw, sabiex tkopri ż-żidiet fil-prezzijiet ta' din il-miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (13) L-Estonja spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-pagi u nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-IT. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 6 tal-miżura 1.2 (investment: Żvilupp ta' kostruzzjoni elettronika) u l-miri tan-numri sekwenzjali 8 u 9 tal-miżura 1.3 (investment: Żvilupp ta' servizzi ta' poloz tal-vjeġġ diġitali) fl-ambitu tal-komponent 1 (Trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-miri korrispondenti ta' dawn iż-żewġ miżuri jitnaqqsu, meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (14) L-Estonja spjegat li erba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba li l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista, problemi mhux mistennija u dewmien bl-akkwisti u l-proċeduri wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 61 tal-miżura 3.8 (investment: Kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna) fl-ambitu tal-komponenti 3 (Stat diġitali). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' din il-mira tiġi estiża. Fil-każ ta' investment wieħed, minbarra r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Estonja spjegat li l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 42 tal-miżura 2.7 (investment: Ħolqien ta' opportunitajiet għall-użu ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli) fl-ambitu tal-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-intrapriżi) ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien minħabba li l-Estonja trid tfassal mill-ġdid is-sejħa għal proposti tagħha abbażi tal-kontenut finali tal-emenda għar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER, General Block Exemption Regulation)¹, li ġie approvat wara li l-Estonja fasslet is-sejħa oriġinali għal proposti.

¹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187 26.6.2014, p. 1).

Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dan l-istadju importanti jiġu estiżi. Fil-każ ta' riforma waħda u ta' investiment wieħed, minbarra r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-fluss tax-xogħol amministrattiv għe mfixxkel minħabba l-ħtieġa li jiġu integrati malajr in-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 14 tal-miżura 1.4 (riforma: Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji) taħt il-komponent 1 (Trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi) u l-mira bin-numru sekwenzjali 26 tal-miżura 2.2 (investiment: Ħiliet ekoloġiċi għall-appoġġ tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi) taħt il-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-intrapriżi). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ miri tiġi estiża u li l-isem tal-pjattaforma tal-IT għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ relatati mal-miżura 1.4 jinbidel. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (15) L-Estonja talbet ukoll li r-riżorsi li fadal li saru disponibbli bit-tneħħija tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 biex iżżid l-ambizzjoni ta' żewġ miżuri jintużaw u li ħames miżuri ġodda fl-RRP modifikat jiġu inklużi. F'każ wieħed, iż-żieda fl-ambizzjoni tiegħu l-forma ta' miri li żdiedu. Dan jikkonċerna miri bin-numri sekwenzjali 35 u 36 tal-miżura 2.5 (investiment: Użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fir-riżorsi) fl-ambitu tal-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-intrapriżi). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-miri msemmija hawn fuq jinżdiedu. F'każ ieħor, iż-żieda fl-ambizzjoni tiegħu l-forma ta' mira addizzjonali. Dan il-każ jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 69a tal-miżura 4.3 (investiment: Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali zġħir) fl-ambitu tal-komponent 4 (Enerġija u effiċjenza fl-użu tal-enerġija).

Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-mira ta' dawn il-miżuri għall-RRP jinżiedu. L-inklużjoni ta' ħames miżuri ġodda tikkonċerna l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 43a, 43b u 43c tal-miżura 2.8 (investment: Appoġġ ta' investment għas-sigurtà tal-provvista) fl-ambitu tal-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-intrapriżi), l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 80a, 80b u 80c tal-miżura 4.8 (investment: It-tiżni tal-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta) fl-ambitu tal-komponent 4 (Enerġija u effiċjenza fl-użu tal-enerġija), l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 84a u 85a tal-miżura 5.2.a (investment: Bastiment tax-xogħol multifunzjonali) u stadji importanti u miri bin-numri sekwenzjali 86a u 87a tal-miżura 5.3.a (Investment: Kostruzzjoni tal-vjadotti ta' Rail Baltic) fl-ambitu tal-komponent 5 (Trasport sostenibbli) u l-istadji importanti u l-miri bin-numri sekwenzjali 99a u 100a tal-miżura 6.2.a (Kostruzzjoni ta' TERVIKUM) fl-ambitu tal-komponent 6 (Kura tas-saħħa u protezzjoni soċjali). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li l-istadji importanti u l-miri ta' dawn il-ħames miżuri jinżiedu mal-RRP. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (16) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Estonja jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (17) Ġie identifikat żball klerikali wieħed fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 li jaffettwa żewġ miri f'miżura waħda. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dan l-iżball klerikali li ma jirriflettix il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-18 ta' Ġunju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Estonja. Dan l-iżball klerikali jirrigwarda l-miri bin-numri sekwenzjali minn 39 sa 40 tal-miżura 2.6 (investiment: Fond Ekoloġiku) fl-ambitu tal-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-Tranżizzjoni Ekoloġika fl-Intrapriżi). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżura kkonċernata.

Il-Kapitolu tar-REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241

- (18) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi riforma waħda msaħħa u żewġ investimenti ġodda. Ir-riforma 8.1 għandha l-għan li tiffaċilita l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, filwaqt li tibni fuq ir-riforma 4.4, ir-riforma se tidentifika oqsma xierqa għall-użu tal-enerġija mir-riħ, tissimplifika l-qafas għall-għoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli b'enfasi fuq l-enerġija eolika u tibni l-kapaċità fl-awtoritajiet tal-għoti tal-permessi. L-investiment 8.2 għandu l-għan li jżid il-kapaċità tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku biex jiżdied l-aċċess tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-network. L-investiment 8.3 għandu żewġ għanijiet. L-ewwel nett, għandu l-għan li joħloq il-kundizzjonijiet regolatorji, organizzattivi u finanzjarji meħtieġa biex jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli.

It-tieni, l-investiment 8.3 għandu l-għan li jżid il-kapaċità installata tal-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli. Jenħtieġ li l-kontribut tal-miżuri tar-REPowerEU għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jgħin biex jingħelbu l-iskarsezzi tal-provvista tal-enerġija u għalhekk jitnaqqas ir-riskju ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija. Jenħtieġ li dan ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi kollha inklużi dawk l-aktar vulnerabbli. L-Estonja rrapportat ukoll li qed tuża riżorsi mill-baġit nazzjonali tagħha biex tiffinanzja miżuri mmirati li jindirizzaw il-faqar enerġetiku.

- (19) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi għall-Istat Membru u l-allokazzjoni finanzjarja.

- (21) Il-Kummissjoni tqis li l-modifika tal-RRP flimkien mal-kapitolu tar-REPowerEU tħalli impatt biss fuq il-valutazzjoni tal-kontribut tal-RRP għall-ewwel pilastru dwar it-tranżizzjoni ekoloġika. Għall-pilastri l-oħra, in-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-RRP billi jirrappreżentaw fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u lanqas fuq il-kontribut xieraq tiegħu għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-modifika se tkompli ssaħħa is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-pajjiż, kif deskritt fil-ħames pilastru. B'mod partikolari, is-sostituzzjoni tal-Kampus Mediku tat-Tramuntana tal-Estonja mat-TERVIKUM se tikkontribwixxi għat-titjib tar-reżiljenza u l-aċċessibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa fl-Estonja. Għall-komponent tat-trasport sostenibbli, il-miżuri l-ġodda bħall-kostruzzjoni ta' vjadotti ta' Rail Baltic u bastiment tax-xogħol multifunzjonali se jkomplu jindirizzaw il-bidla għal trasport aktar sostenibbli fl-ambitu tal-pilastru ekoloġiku u t-titjib tal-konnettività tat-trasport fl-ambitu tar-raba' pilastru dwar il-koeżjoni soċjali u territorjali b'mod simili għal dak li kienu jikkontribwixxu l-miżuri preċedenti dwar il-kostruzzjoni ta' terminal konġunt multimodali ta' Rail Baltic u l-kostruzzjoni ta' sezzjoni tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Rohuküla fid-direzzjoni tal-Punent.
- (22) Fir-rigward tal-ewwel pilastru, l-RRP modifikat tal-Estonja flimkien mal-kapitolu tar-REPowerEU jinkludi miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi ekoloġiċi, b'mod partikolari fl-ambitu tal-komponent 2 (Tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi), il-komponent 4 (Effiċjenza enerġetika), il-komponent 5 (Trasport sostenibbli) u l-komponent 8 (il-kapitolu tar-REPowerEU).

- (23) L-isfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika huma indirizzati fl-ambitu tal-investiment ġdid 2.8 tal-komponent 2 li għandu l-għan li jappoġġa t-tranżizzjoni tal-kumpaniji industrijali mill-enerġija fossili għal sorsi tal-enerġija alternattivi. Is-sorsi ta' forniment ta' enerġija alternattivi eliġibbli huma l-enerġija mir-riĥ, mix-xemx, mill-bijogass sostenibbli u ġeotermali, l-elettrifikazzjoni u l-konnessjoni ma' sistemi ta' tisħin distrettwali effiċjenti. Il-bdil tal-fjuwil se jkollu effett pożittiv fil-kuntest tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, is-sigurà tal-enerġija u l-affordabbiltà.
- (24) Qed isir sforz importanti mill-miżura li għandha l-għan li tagħti spinta lill-iżvilupp tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta fl-ambitu tal-komponent 4 li tikkontribwixxi biex jiġu żviluppati riżorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'hekk iżżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija Estonjana. Il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli se tgħin biex issir bidla lejn produzzjoni tal-enerġija newtrali għall-klima u titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.
- (25) Il-miżuri tat-trasport sostenibbli li għadhom kif ġew miżjuda fl-ambitu tal-komponent 5 jikkontribwixxu biex jiġu żviluppati modi tat-trasport aktar ekoloġiċi u biex jiżdied is-sehem tal-modi tat-trasport li ma jagħmlux ħsara lill-klima, prinċipalment bl-għajjnuna tat-trasport ferrovjarju u marittimu. Il-kostruzzjoni ta' ħames vjadotti ta' Rail Baltic se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' konnessjoni ferrovjarja elettrifikata ġdida, filwaqt li bastiment multifunzjonali ġdid b'emissjonijiet baxxi se jikkontribwixxi, fost użi oħra, għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Dawn l-investimenti se jgħinu lill-Estonja trawwem bidla lejn modi tat-trasport li ma jagħmlux ħsara lill-klima u tikkontribwixxi għat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport.

- (26) Il-miżuri fil-kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 peress li għandhom l-għan li jinċentivaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli. B'mod aktar preċiż, fl-ambitu tal-komponent 8, l-Estonja biġsibha tiegħu miżuri li se jiffaċilitaw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, iżidu l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku u jżidu l-produzzjoni u l-użu tal-bijometan sostenibbli. Erbgħa mill-ħames miżuri ġodda fl-RRP modifikat u t-tliet miżuri kollha fil-kapitolu tar-REPowerEU huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Estonja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż relatata mal-enerġija tal-2022.

- (28) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali rilevanti kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Estonja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fl-2022. B'mod partikolari dwar l-enerġija, il-Kunsill irrakkomanda biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jiġu diversifikati l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi, l-iżgurar ta' kapacià suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet u t-tisħiħ tan-network domestiku tal-elettriku. L-investimenti u r-riformi l-ġodda għandhom l-għan li jżidu s-sigurtà tal-enerġija, jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, iżidu l-kapacià fin-network tad-distribuzzjoni, jissimplifikaw il-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u jstimulaw il-produzzjoni u l-użu tal-bijometan sostenibbli. B'riżultat ta' dan, jenħteġ li l-miżuri jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli kif rakkomandat lill-Estonja fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2022. L-RRP modifikat żied ukoll l-ambizzjoni fil-kisba ta' miri ogħla fl-investment fir-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir u fl-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fir-riżorsi f'konformità mar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-2022. L-Estonja kienet qed tindirizza wkoll l-isfidi biex tiddiversifika l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili u biex tiżgura kapacià suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet mingħajr riżorsi mill-RRP. Fir-rigward tad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, l-isforzi tal-Estonja ppermettewha tieqaf tixtri l-gass Russu billi kkooperat pereżempju mal-Finlandja biex tistabbilixxi unità tal-ħżin u r-rigassifikazzjoni li żżomm f'wiċċ l-ilma.

Fir-rigward tal-kapaċità ta' interkonnessjoni, l-Estonja tkompli bl-isforzi tagħha biex tissinkronizza n-network tal-elettriku tagħha man-network tal-elettriku tal-UE. Is-sostenibbiltà tas-sistema tat-trasport se tittejjeb permezz tal-investiment fil-vjadotti tar-Rail Baltic u f'bastiment multifunzjonali f'konformità mar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-2022 dwar trasport b'emissjonijiet baxxi. Il-kostruzzjoni ta' TERVIKUM (ċentru tas-saħħa ġdid fil-belt ta' Viljandi) se tippromwovi l-provvista ta' servizzi tas-saħħa u soċjali b'mod integrat. Dan se jgħin biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar it-titjib tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali b'mod integrat.

- (29) L-RRP jipprovdi bażi għal aktar riformi fis-setturi soċjali u tal-kura tas-saħħa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa, tittejjeb il-kwalità tal-kura fit-tul u l-aċċess għaliha għall-persuni kollha bi ħtiġijiet ta' kura, titwessa' l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad u titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, b'mod partikolari billi tiżdied it-trasparenza fil-pagi. Il-miżuri inklużi fl-RRP biex tiġi indirizzata d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija huma prinċipalment relatati mal-investimenti. F'termini ta' riformi, l-azzjonijiet konkreti għat-tneħħija gradwali tax-shale bituminuż huma mistennija li jiġu stabbiliti fil-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija biss fi tmiem l-2025.

- (30) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-iżgurar li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment ikun konformi ma' pożizzjoni ta' politika newtrali ġenerali, b'kont meħud tal-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna, għandhom jitqiesu li jaqgħu barra mill-ambitu tal-RRP tal-Estonja, minkejja li huwa mbassar li l-Estonja se tkompli tuża l-appoġġ mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex tiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitlu tar-REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (32) L-RRP modifikat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”¹. Il-valutazzjoni ssir b’mod sistematiku għal kull riforma u investiment modifikati skont l-approċċ f’żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri modifikati kollha, jew ma hemm l-ebda riskju ta’ ħsara sinifikanti jew, fejn jiġi identifikat riskju, titwettaq valutazzjoni aktar dettaljata li turi n-nuqqas ta’ ħsara sinifikanti. L-Estonja rrapportat dwar il-valutazzjoni dettaljata għall-miżuri l-ġodda, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU. L-ebda waħda mill-miżuri fil-kapitolu tar-REPowerEU ma kienet teħtieġ deroga mill-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. Fejn meħtieġ, ir-reqwiziti tal-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minnqas fit-tfassil ta’ miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira ta’ din il-miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista’ jiġi konkluż li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribut għall-oġettivi tar-REPowerEU

- (33) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-kriterju 2.12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b’mod effettiv fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, għal żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew għat-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (34) L-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU hija mistennija tikkontribwixxi b'mod partikolari għall-appoġġ tal-oġġettivi fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. Ir-riforma dwar l-ġħoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u miżura dwar il-bijometan sostenibbli jikkontribwixxu għall-oġġettivi 21c(3), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament, jiġifieri għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni billi jiżdied is-sehem u jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jiżdiedu l-produzzjoni u l-użu tal-bijometan sostenibbli. L-investment fin-network tal-elettriku jindirizza l-oġġettivi 21c(3), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament, jiġifieri, it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030 billi tittejjeb it-trażmissjoni interna u jitneħħew il-konġestjonijiet fid-distribuzzjoni u titthaffef l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.
- (35) Il-miżuri tar-REPowerEU huma koerenti mal-qafas ta' politika tal-Estonja li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jżid is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jsaħħu wkoll daww inklużi fl-RRP oriġinali dwar il-ħżin tal-enerġija, it-tisħiħ tan-network tal-elettriku u l-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'żoni industrijali peress li eventwalment se jirriżultaw f' sehem dejjem ikbar ta' enerġija rinnovabbli.
- (36) Għalhekk, il-miżuri tar-REPowerEU għandhom enfasi qawwija ħafna fuq l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni tagħhom fin-network tal-elettriku li se jippermetti lill-Estonja żżid is-sehem tas-sorsi tal-enerġija domestiċi fit-taħlita tal-enerġija tagħha. Dan se jnaqqas il-ħtieġa għall-importazzjoni ta' sorsi tal-fjuwil u għalhekk iżid is-sigurtà tal-enerġija tal-pajjiż.

Miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (37) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-kriterju 2.13 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU huma mistennija li fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) jkollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali. Skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/241 emendat, it-tliet miżuri kollha fil-kapitolu tar-REPowerEU u għalhekk 100 % tal-istima tal-ispejjeż tiegħu, għandhom dimensjoni jew effett bejn il-pajjiżi jew multinazzjonali. Il-miżuri fil-kapitolu tar-REPowerEU se jikkontribwixxu direttament għall-produzzjoni u għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fin-network. B'riżultat ta' dan, huma se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija u għalhekk jitqiesu li għandhom effett transfruntier pożittiv, kif stabbilit fil-gwida tal-Kummissjoni fil-kuntest tar-REPowerEU.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 59,4 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP u 77,6 % tal-ispejjeż totali stmati tal-miżuri fil-kapitolu tar-REPowerEU, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (39) Minbarra l-miżuri fit-tranżizzjoni ekoloġika fl-intrapriżi, l-effiċjenza enerġetika u enerġetika u l-komponenti tat-trasport sostenibbli inklużi fl-RRP Estonjan oriġinali, l-RRP modifikat jestendi l-miżuri dwar l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin tal-enerġija u t-tisħiħ tan-network tal-elettriku. Bil-miżuri l-ġodda, l-Estonja tagħmel enfasi fuq it-tneħħija tal-ostakli għall-użu tal-enerġija eolika u tinċentiva l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-kumpaniji. Iż-żieda ta' investiment f'bastiment multifunzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tagħti wkoll prijorità lill-bijodiversità, li ma kinitx koperta b'mod espliċitu f'RRP oriġinali.
- (40) Rigward il-kontribuzzjoni tal-miżuri tal-kapitolu tar-REPowerEU fl-RRP tal-Estonja biex jinkisbu l-miri klimatiċi għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, dawn huma miżuri li għandhom l-għan li jinċentivaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli b'mod aktar wiesa' minn naħa waħda u li jiżviluppaw il-produzzjoni tal-bijogass sostenibbli u tal-bijometan sostenibbli tar-riżorsi lokali b'mod aktar speċifiku min-naħa l-oħra. B'mod aktar preċiż, fl-ambitu tal-komponent 8, l-Estonja pprevediet miżuri li se jiffaċilitaw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, iżidu l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku u jżidu l-produzzjoni u l-użu tal-bijometan sostenibbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (41) Dawn il-miżuri se jkollhom impatt dejjiemi billi jaċċelleraw l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili lejn sistema ta' enerġija rinnovabbli dejjiema fl-Estonja. Huma se jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-enerġija użata fl-Estonja u b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri klimatiċi għall-2030 u għall-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.
- (42) Minħabba t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-RRP tal-Estonja u l-inklużjoni ta' miżuri ġodda li jinċentivaw it-tranżizzjoni ekoloġika, il-kontribuzzjoni klimatika tal-RRP żdiedet minn 41,5 % għal 59,4 %.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 24,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (44) Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tibqa' valida. L-RRP modifikat jinvolve modifiki żgħir għal erba' miżuri rigward it-tranżizzjoni diġitali u ma jinkludix miżuri ġodda li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali.

- (45) Minħabba t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-RRP tal-Estonja, il-kontribuzzjoni diġitali tal-RRP, bl-esklużjoni tal-kapitolu tar-REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c(5), żdiedet minn 21,5 % għal 24,1 %.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.
- (47) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP tal-Estonja m'għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. L-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri modifikati, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU, huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti.

Spejjeż

- (48) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (49) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-ispejjeż stmati għall-investimenti l-ġodda u l-miżuri tar-REPowerEU juru li l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż huma raġonevoli u plawżibbli minkejja li l-evidenza turi gradi differenti ta' dettalji u profondità tal-kalkoli. F'xi każijiet, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-istimi tal-ispejjeż kienu limitati, parzjalment minħabba n-novità tal-miżuri, jew kienu inqas ċari u dan wassal biex impedixxa li tingħata klassifikazzjoni A skont dan il-kriterju ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-bidliet fl-ispejjeż stmati għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati u proporzjonali u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-ispejjeż stmati ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ispejjeż totali stmati tal-RRP huma konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huma proporzjonati mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Koerenza tal-RRP

- (50) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jinkludi moderatament (Klassifikazzjoni B) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (51) Il-modifiki fl-RRP juru koerenza f'kull komponent u juru interkonnessjonijiet u sinerġiji tematiċi bejn il-komponenti differenti, b'mod partikolari dawk relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u mal-kapitolu tar-RePowerEU miżjud ġdid. Il-miżuri fil-kapitolu tar-RePowerEU komplew itejbu l-koerenza bit-tisħiħ tal-miżuri fl-RRP oriġinali dwar il-ħżin tal-enerġija, it-tisħiħ tan-network tal-elettriku u l-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'żoni industrijali. B'mod partikolari, il-miżuri tar-RePowerEU jikkonsistu f'riforma u investimenti li għandhom l-għan li jżidu l-produzzjoni u l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżura li tappoġġa r-rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija f'residenzi privati għet estiża wkoll b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-RRP oriġinali. L-investment il-ġdid biex tingħata spinta lill-iżvilupp tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta huwa marbut mill-qrib mal-miżuri eżistenti biex jżied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u jenħtieġ li jirriżulta fit-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-għoli tat-turbini eoliċi fil-Golf ta' Riga u fi tliet gżejjer, u b'hekk jiġi lliberat il-potenzjal tar-riħ lil hinn mill-kosta tal-Estonja. L-investment il-ġdid fl-infrastruttura tas-saħħa jiżgura li l-aċċess imtejjeb għall-kura tas-saħħa, kif previst fl-RRP oriġinali, xorta jiġi żgurat. Fl-istess ħin, uħud mill-limitazzjonijiet relatati mal-koerenza tal-RRP oriġinali ma ġewx indirizzati. L-RRP modifikat b'mod ġenerali jibqa' aktar b'saħħtu fuq l-investimenti milli fuq ir-riformi u d-dimensjoni soċjali tal-RRP ma ssahhitx. L-azzjonijiet konkreti għat-tneħħija gradwali tax-shale bituminuż mhumiex inklużi fl-RRP u mistennija biss li jiġu stabbiliti fil-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali tas-Settur tal-Enerġija fi tmiem l-2025 u riformi usa', bħat-tassazzjoni ekoloġika, ma ġewx miżjuda.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (52) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki mressqa mill-Estonja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (c), (g) u (j).

Proċess ta' konsultazzjoni

- (53) Matul it-tħejjija tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU, l-Estonja bbenefikat minn appoġġ permezz tar-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (it-titlu tal-proġett “Appoġġ għal REPowerEU”). Fil-kuntest tat-tħejjija tar-rapport, li pprova kontribut għat-tfassil tal-miżuri fl-ambitu tar-REPowerEU, il-partijiet ikkonċernati kienu involuti b'mod inklużiv.
- (54) Fl-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU, il-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti għal kull miżura, kif ukoll aġġornati regolarment dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-RRP fl-avveniment annwali tal-Estonja dwar l-implimentazzjoni tal-RRP Estonjan. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha inkwistjoni, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

Valutazzjoni pożittiva

- (55) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tarREPowerEU, bis-sejba li l-RRP jikkonferma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (56) L-ispiża totali stmata tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU tal-Estonja huwa ta' EUR 953 330 000. Billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu ta' REPowerEU huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Estonja, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 alllokata għall-RRP modifikat tal-Estonja inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Estonja, inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 953 184 800.

- (57) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-28 ta' Frar 2023 l-Estonja ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija msemija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ispejjeż totali stmati tal-miżuri msemija fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/241 inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU huma ta' EUR 90 040 000. Peress li dan l-ammont huwa ogħla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għall-Estonja, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għall-Estonja jkun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 83 297 553.
- (58) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill¹, fit-28 ta' Frar 2023 l-Estonja ssottomettiet talba motivata biex tittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tagħha mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità, li tammonta għal EUR 6 615 616. Jenħtieġ li dan l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu tar-REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (59) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għall-Estonja jenħtieġ li tkun ta' EUR 953 184 800.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

Prefinanzjament tar-REPowerEU

- (60) L-Estonja talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha: trasferiment ta' EUR 6 615 616 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 83 297 553 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (61) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fid-9 ta' Marzu 2023 l-Estonja talbet prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Estonja soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Estonja skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (62) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad- 29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Estonja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Estonja kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 953 184 800* fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli. Din il-kontribuzzjoni tinkludi:

1. ammont ta' EUR 759 545 893 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;
 2. ammont ta' EUR 103 725 738 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
 3. ammont ta' EUR 83 297 553**, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemija fl-Artikolu 21c ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (a);
 4. ammont ta' EUR 6 615 616, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Estonja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 126 008 898 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-ammont ta' EUR 17 982 634 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Estonja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

** Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Estonja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President